



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-
Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2017

Flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 6
Stabbiliment tal-Impriża Konġunta F4E	1 - 2
Governanza	3 - 4
Objettivi	5
Riżorsi	6
Opinjoni	7 - 29
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	8
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	9
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	10
Osservazzjonijiet	11 - 20
Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza	21 - 23
Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	24 - 29
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	30 - 31
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017	30 - 31
Kontrolli interni	32 - 35
 Anness - Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti	
 Ir-risposta tal-Impriża Konġunta	

INTRODUZZJONI

Stabbiliment tal-Impriża Konġunta F4E

1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER¹ u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-“Impriża Konġunta F4E”) twaqqfet f’Marzu 2007² għal perjodu ta’ 35 sena. Filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta’ fużjoni kellhom jiġu żviluppati f’Cadarache fi Franza, l-Impriża Konġunta tinsab f’Barcellona.
2. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom u l-Iżvizzera (li kkonkludiet ftehim ta’ kooperazzjoni mal-Euratom).

Governanza

3. L-istruttura ta’ governanza tal-Impriża Konġunta F4E tinkludi l-Bord Amministrattiv, id-Direttur u korpi oħra. Il-Bord Amministrattiv huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-Impriża Konġunta fl-insewiment tal-oġettivi tagħha. Id-Direttur huwa responsabbli għat-tmexxija ta’ kuljum tal-Impriża Konġunta.
4. Il-korpi l-oħra ta’ governanza tal-Impriża Konġunta huma l-Bureau, il-Panel Konsultattiv Tekniku, il-Kumitat dwar l-Akkwisti u l-Kuntratti, il-Kumitat Amministrattiv u ta’ Ġestjoni, il-Kumitat tal-Awditjar u l-Panel għar-Rieżaminar Intern.

¹ Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom tat-13 ta’ Diċembru 2013 (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 100) u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/224 tal-10 ta’ Frar 2015 (ĠU L 37, 13.2.2015, p. 8).

Objettivi

5. L-objettivi tal-Impriża Konġunta F4E huma³:
- (a) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (ITER IO);
 - (b) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun għat-twettiq rapidu tal-enerġija mill-fużjoni;
 - (c) li tfejji u tikkoordina programm ta' attivitajiet bi tfejji għall-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u ta' faċilitajiet relatati, inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni.

Riżorsi

6. FI-2017, il-baġit finali tal-Impriża Konġunta F4E kien ta' EUR 865 miljun (2016: EUR 720 miljun) f'approprjazzjonijiet ta' pagament u ta' EUR 589 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (2016: EUR 459 miljun)⁴. Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-Impriża Konġunta kellha 447 membru tal-persunal impjegati magħha (2016: 415).

OPINJONI

7. Aħna awditjajna:
- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁵ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁶ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, u

³ Aktar informazzjoni dwar l-Impriża Konġunta F4E u l-attivitajiet tagħha hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: <http://www.fusionforenergy.europa.eu>.

⁴ It-tielet emenda għall-Baġit ġiet approvata mill-Bord Amministrattiv f'Diċembru 2017.

⁵ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁶ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

11. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjonijiet li jingħataw hawn fuq, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE adottati fis-7 ta' Lulju 2010⁷ approvaw EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) għall-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, li kienet inizjalment ippjanata li tkun ikkompleta fl-2020. Din iċ-ċifra ma kinitx tinkludi s-EUR 663 miljun proposti mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010 biex ikopru kontinġenzi potenzjali⁸.

⁷ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istatus tal-ITER (Ref. 11902/10).

⁸ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2010 dwar l-istatus tal-ITER u triq possibbli 'l quddiem (KUMM(2010) 226 finali).

12. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER⁹ approva linja bażi ġdida (ambitu, skeda u spiża) għall-proġett ITER. L-iskeda kumplessiva għall-proġett¹⁰ ġiet approvata mill-Membri kollha tal-ITER¹¹, u l-ispiża kumplessiva tal-proġett ġiet approvata *ad referendum*, li jfisser li kull Membru kellu jfittex li jikseb l-approvazzjoni għall-ispejjeż tal-proġett permezz tal-proċess baġitarju tal-gvern rispettiv tagħhom.
13. L-iskeda l-ġdida li ġiet approvata mill-Kunsill tal-ITER stipulat approċċ f'erba' stadji, fejn Diċembru 2025 huwa d-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-ewwel stadju importanti strateġiku tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ("L-Ewwel Plażma") u Diċembru 2035 hija d-data stmata għall-ikkompletar tal-fażi kollha ta' kostruzzjoni, dewmien ta' 15-il sena meta mqabbel max-xenarju ta' referenza oriġinali. L-għan tal-approċċ il-ġdid fi stadji huwa li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun allinjata aħjar mal-prijoritajiet u r-restrizzjonijiet tal-Membri kollha tal-ITER IO.
14. Wara l-approvazzjoni tax-xenarju ta' referenza l-ġdid għall-proġett ITER, l-Impriża Konġunta F4E ssettjat l-iskeda ta' żmien il-ġdida u kkalkulat mill-ġdid l-ispiża relatata, mal-ikkompletar ("EAC"), tal-kontribuzzjoni mill-Impriża Konġunta għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett.
15. Ir-riżultati, li ġew ippreżentati lill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta f'Diċembru 2016, indikaw rekwiżit mistenni ta' finanzjament ta' EUR 5,4 biljun (fil-valuri tal-2008) għall-fażi ta' kostruzzjoni wara l-2020, li jirrappreżenta żieda ta' 82 % meta mqabbel mal-baġit approvat ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008). L-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008), li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010, issa jservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-Impriża Konġunta sal-2020.
16. Irid jiġi nnutat li, minbarra l-fażi ta' kostruzzjoni, l-Impriża Konġunta se jkollha tikkontribwixxi għall-fażi operazzjonali tal-ITER wara l-2035¹² u għall-fażijiet ta' diżattivazzjoni u ta' dekommissjonar. Il-kontribuzzjoni għall-fażi operazzjonali wara l-2035 għadha ma ġietx stmata. Il-kontribuzzjonijiet tal-

⁹ Id-19-il Kunsill tal-ITER fis-16-17 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill tal-ITER huwa l-korp governattiv tal-ITER IO.

¹⁰ Il-Kunsill tal-ITER reġa' eżamina l-iskeda kompleta u aġġornata għall-kostruzzjoni tal-proġett, mill-Ewwel Plażma (2025) sal-operazzjoni Deuterium-Tritium (2035), kif propost mill-ITER IO.

¹¹ Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea.

¹² Il-fażi operazzjonali tal-proġett ITER hija mistennija li ddum sal-2037.

Impriża Konġunta F4E għall-fażijiet ta' diżattivazzjoni u ta' dekommissjonar ġew stmati mill-ITER IO għal EUR 95,54 miljun (fil-valur tal-2001) u għal EUR 180,2 miljun (fil-valur tal-2001)¹³ rispettivament.

17. Filwaqt li l-previżjonijiet li saru mill-Impriża Konġunta F4E għall-Ewwel Plażma huma kompatibbli mal-iskeda ta' żmien tal-ITER IO għall-proġett, l-iskeda hija kkunsidrata bħala l-aktar data kmieni sa meta huwa teknikament possibbli li din tinkiseb¹⁴.

18. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-UE lejn il-proġett ITER riformat¹⁵, fejn tfittex l-appoġġ tal-Parlament Ewropew kif ukoll mandat mill-Kunsill tal-UE biex il-Kummissjoni tapprova l-linja bażi l-ġdida¹⁶ f'isem l-Euratom.

19. Minkejja li l-linja bażi l-ġdida ma tinkludix kontinġenza, fil-komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni ssuġġeriet li kontinġenza sa 24 xahar fl-iskeda u kontinġenza ta' 10-20 % fil-baġit ikunu xierqa¹⁷. Barra minn hekk, il-miżuri li ttieħdu fir-rigward tal-limitu massimu tal-baġit ta' EUR 6,6 biljun kienu jinkludu l-posponiment tal-akkwist u l-installazzjoni tal-komponenti kollha li mhumiex essenzjali għall-Ewwel Plażma. Filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex jittejjbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, għad fadal riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi l-ġdida li ġiet proposta.

20. Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-UE u mill-Euratom. Ftehim li jstipula l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu se jiġi nnegożjat. Dan jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivitajiet futuri tal-Impriża Konġunta F4E u l-proġett ITER.

¹³ IC-19/07.2.1, Proposta għall-Ispiża Kumplessiva tal-Proġett (OPC) li ġiet ippreżentata mid-Direttur Ġenerali tal-ITER IO fid-19-il laqgħa tal-Kunsill ITER fis-16-17 ta' Novembru 2016.

¹⁴ Kif ġie ddikjarat fil-ħames valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (il-31 ta' Ottubru 2016) u fir-rapport mill-Kap tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-Impriża Konġunta F4E lill-Bord Amministrattiv, f'Diċembru 2016.

¹⁵ COM(2017)319 final tal-14.6.2017 (akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 232 final tal-14.6.2017).

¹⁶ Il-kontribuzzjoni tal-Euratom hija mingħajr preġudizzju għall-proposti tal-Kummissjoni, għall-eżitu tan-negożjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Euratom u għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2020.

¹⁷ COM(2017)319 final tal-14.6.2017 (akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 232 final tal-14.6.2017), il-Kapitolu V "ITER: it-triq 'il quddiem".

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

21. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-maniġment tal-Impriża Konġunta jerfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

22. Fit-tnejjija tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat.

23. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-entità.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

24. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

25. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet

ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru mill-maniġment, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

26. Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidju li jiġi riċevut mingħand il-Kummissjoni u partijiet interessati oħra, u nivvalutaw il-proċeduri tal-Impriża Konġunta għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor.

27. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u l-Impriża Konġunta taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

28. Fit-tnejn ta' dan ir-rapport u l-Opinjoni, aħna qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Impriża Konġunta kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE¹⁸.

29. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017

30. Il-baġit finali għall-2017 li kien disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 589 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta'

¹⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

EUR 865 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 99,9 % u 96,3 %, rispettivament.

31. Minħabba nuqqasijiet serji fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit, l-appropriazzjonijiet ta' pagament finalment meħtieġa fl-2017, qabżu b' mod sinifikanti l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-baġit inizjali għall-2017. Filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali inizjali li ġew approvati mill-Bord Amministrattiv fi Frar 2017 ammontaw għal EUR 548,6 miljun, l-appropriazzjonijiet ta' pagament finali meħtieġa għall-2017 ammontaw għal EUR 832,6 miljun, żieda ta' 51,8 %. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta stmat nuqqas ta' appropriazzjonijiet ta' pagament ta' madwar EUR 150 miljun li potenzjalment affettwa l-baġit għall-2018.

KONTROLLI INTERNI

32. L-Impriża Konġunta F4E ma wettqitx segwitu konsistenti tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interess mill-Maniġment Superjuri¹⁹.

33. Fil-proċeduri ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ instabu nuqqasijiet sinifikanti²⁰ relatati mar-reklutaġġ ta' membru tal-persunal maniġerjali ewlieni.

34. Fl-2018, il-Qorti Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja annullat żewġ deċiżjonijiet ta' impjeg li kienu saru fl-2015 mill-Impriża Konġunta F4E minħabba irregolaritajiet fil-proċess ta' reklutaġġ²¹. L-Impriża Konġunta appellat id-deċiżjoni f'April 2018.

35. Nuqqasijiet sinifikanti fl-istartegġiji ta' komunikazzjoni interna²² ma żgurawx id-disseminazzjoni ta' informazzjoni xierqa dwar l-ispejjeż stmati tal-fażi ta' dekkommissjonar fi

¹⁹ L-Istandard ta' Ġestjoni 3 (Valuri Etiċi u Organizzazzjonali).

²⁰ L-Istandard ta' Ġestjoni 3 (Valuri Etiċi u Organizzazzjonali) u l-Istandard ta' Ġestjoni 4 (Riżorsi Umani).

²¹ Id-Deċiżjoni datata l-25 ta' Jannar 2018 tal-Qorti Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-Kawża tal-Qorti T-561/16: Il-proċedura tal-għażla F4E/CA/ST/FGIV/2015/001.

²² L-Istandard ta' Ġestjoni 15 (Informazzjoni u Komunikazzjoni).

ħdan l-organizzazzjoni. Konsegwentement, l-Impriża Konġunta ma ddivulgat l-ebda provvediment ta' din l-obbligazzjoni fil-kontijiet tas-snin preċedenti²³.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

²³ L-ammont tal-provvediment ġie stmat għal EUR 85,2 miljun fil-31 ta' Diċembru 2017.

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti)
	<u>KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA</u>	
	<i>Preżentazzjoni tal-kontijiet</i>	
2015	Fin-noti għar-rapporti finanzjarji, it-tabella u l-informazzjoni inklużi taħt l-Intestatura 4.3.1.1. "ITER Procurement Arrangement (ITER IO)" (Arranġament ta' Akkwist tal-ITER (ITER IO)) jirriflettu l-arranġamenti ta' akkwist iffirmati (il-kolonna 3) u dawk ikkreditati sa issa (il-kolonna 4). Madankollu, it-tabella ma turix il-grad effettiv ta' avvanz tax-xogħlijiet li qed isiru. Fil-kontijiet annwali tal-2015, l-F4E ssupplimentat din l-informazzjoni bi stima tax-xogħol fl-idejn filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-valur totali tal-infiq fuq kuntratti marbuta mal-Arranġamenti ta' Akkwist, u ċart li turi l-ilfuq ta' stadji importanti għal kull arranġament ta' akkwist iffirmat mal-ITER IO. Minkejja l-istima ppreżentata fil-kontijiet tal-2015, jeħtieġ li jsir xogħol ulterjuri biex tiġi ppreżentata informazzjoni aktar preċiża dwar l-istatus u l-valur tal-attivitajiet imwettqa sa issa mill-Impriża Konġunta.	Għadha għaddejja
	<u>KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN FIS-SISTEMI TA' SUPERVIŻJONI U KONTROLL TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA</u>	
2015	L-F4E qed tkompli tiżviluppa sistema ċentrali u uniformi għall-integrazzjoni tad- <i>data</i> operazzjonali, finanzjarja u tal-ibbaġitjar kollha, li se tippermetti li jsir monitoraġġ u	Ikkompletata

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti)
	kontroll regolari tal-istimi, l-ispejjeż u d-devjazzjonijiet. Fil-laqgħa tiegħu tat-8-9 ta' Ġunju 2015, il-Bord Amministrattiv approva proposta mid-Direttur biex tiġi implimentata sistema ta' Ppjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriża (ERP) fi żmien sentejn.	
2015	Is-sistema ta' għoti ta' informazzjoni dwar il-valur tal-grad tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet (Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat), qed tiġi diskussa mal-ITER IO, bil-ħsieb li jsir titjib fid-distribuzzjoni tal-istadji importanti ta' kreditu matul il-ħajja tal-arranġamenti ta' akkwist.	Għadha għaddejja
	<i>Akkwisti u għotjiet operazzjonali</i>	
2015	<p>Proċeduri nnegożjati kkostitwew 45 % mill-84 proċedura operazzjonali tal-offerti li tnedew fl-2015 (58 % fl-2014). Għalkemm l-Impriża Konġunta naqqset il-perċentwal tal-proċeduri nnegożjati fl-2015, jinħtieġu sforzi biex tiżdied il-kompetittività tal-proċeduri tagħha ta' akkwist operazzjonali. Għall-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien ta' 1,4 għal kull sejħa.</p> <p>Riżultat tar-rieżaminar: Fl-2017, proċeduri nnegożjati kienu għadhom jikkostitwixxu 47 % mis-47 proċedura operazzjonali tal-offerti li tnedew fl-2017 (2016: 45 %). Fl-2017, l-Impriża Konġunta ħadet inizjattivi biex tnaqqas il-perċentwal tal-proċeduri nnegożjati; madankollu, jinħtieġu sforzi biex tiżdied il-kompetittività tal-proċeduri tagħha ta' akkwist operazzjonali. Għall-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien ta' 1 għal kull sejħa.</p>	Għadha għaddejja

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejsja / Pendenti)
	<u>KWISTJONIJIET OĦRA</u>	
	<i>Qafas legali</i>	
2015	Fit-2 ta' Diċembru 2015, il-Bord Amministrattiv tal-F4E finalment emenda r-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu biex jallinjahom mal-Qafas Finanzjarju l-ġdid tal-UE. Fi Frar 2016, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet opinjoni pożittiva dwar l-emendi introdotti mill-F4E fir-regoli finanzjarji tagħha, iżda talbet lill-Impriża Konġunta biex tqis li tkompli tiżviluppa ċerti dispożizzjonijiet fir-Regoli ta' Implimentazzjoni tagħha relatati mad-derogi speċifiċi mir-Regolament Finanzjarju tal-UE u mir-regolament finanzjarju qafas applikabbli għall-korpi tal-Artikolu 208.	Ikkompletata
	<i>Drittijiet ta' proprjetà intellettuali u politika industrijali</i>	
2015	Id-Deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Industrijali tal-Fużjoni għall-Enerġija u l-politika dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u t-tixrid ta' informazzjoni ġiet adottata mill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta fis-27 ta' Ġunju 2013. L-Impriża Konġunta żviluppat dokument ta' strateġija tal-akkwist għal kull azzjoni ta' akkwist. Tfasslet lista ta' kontroll għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' akkwist fir-rigward tas-sjeda tal-għarfien u d-drittijiet miksuba għal kull azzjoni ta' akkwist.	Ikkompletata
	Qed titwettag valutazzjoni tal-impatt dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.	Għadha għaddejsja

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti)
	<u>KONTROLLI INTERNI</u>	
	Strateġija kontra l-frodi	
2016	F'Ġunju 2015, il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta F4E adotta strateġija kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni korrispondenti. Il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ġew implimentati fl-2016. Madankollu, l-Impriża Konġunta ma stabbilietx għodda speċifika biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-azzjonijiet tagħha fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist, b'mod partikolari dawk relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u mal-fażijiet ta' evalwazzjoni, ta' negozjar u ta' għoti, tal-proċeduri.	Għadha għaddejja

IT-TWEĠIBA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

31. L-F4E taqbel mas-sejba. Ta' min jinnota li grazzi għall-appoġġ ta' Euratom, li pprovdiet il-baġit addizzjonali, dan in-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2017 ma kellu l-ebda impatt fuq l-ilħuq tal-obbligi tal-F4E għall-fornituri.

Internament, is-sistema ta' previżjoni tal-pagamenti tfasslet totalment mill-ġdid u ġiet integrata fl-għodda ta' ġestjoni finanzjarja l-ġdida, ECOSYS, u l-interazzjoni bejn it-Timijiet tal-Proġett u l-Unità ta' Akkwist li tiġġestixxi l-kuntratti ssaħħet.

Minħabba t-tnejnija avvanzata tal-previżjonijiet, l-F4E tikkonferma li l-baġit tal-2018 huwa milqut ukoll b'nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' madwar EUR 150 miljun. Fil-baġit ġenerali tal-UE għall-2018 għadha għaddejja talba għal trasferiment, sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-F4E, li tkopri dawn il-ħtiġijiet addizzjonali.

It-talba għall-abbozz tal-baġit għall-2019 u l-previżjonijiet għall-baġits li ġejjin diġà ġew evalwati mill-ġdid, abbażi ta' metodoloġija ta' previżjoni avvanzata u bl-għodda ta' rappurtar u ta' ppjanar il-ġdida ECOSYS.

32. L-F4E se ttejjeb il-proċedura interna attwali biex issegwi d-Dikjarazzjonijiet ta' Interess mill-Maniġment Superjuri. Dan it-titjib se jimplika li l-aġġornamenti tad-Dikjarazzjonijiet Ġenerali ta' Interess (GDols) jew kwalunkwe dikjarazzjoni ta' kunflitti ta' interess oħra se jiġu riveduti formalment mill-Uffiċjali ta' Rappurtar rispettivi, inkluż il-President tal-Bord ta' Tmexxija fil-każ tad-Direttur tal-F4E.

33. L-F4E qed ittejjeb il-proċess u l-proċeduri ta' għażla permezz ta' proġett ta' titjib li qed jiġi implimentat. F'dak il-kuntest, l-F4E ser issaħħaħ l-aspetti proċedurali tagħha biex jiġu kkunsidrati l-osservazzjonijiet tal-Qorti, bil-għan li jissaħħu l-kontroll intern u l-kwalità tal-proċess ta' reklutaġġ.

34. Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-qorti tal-2018 li tannulla proċedura tal-għażla tal-F4E, l-F4E jenħtieġ li tagħmilha ċara li filwaqt li kellha timplimenta d-deċiżjoni tagħha, hija ressqet ukoll appell kontriha. Ta' min jinnota li dan il-każ kien jinvolvi wkoll azzjoni quddiem l-Ombudsman Ewropew, li ddeterminat li l-ilment kien infondat u ddeċidiet favur l-F4Es.

35. Bi qbil mal-Qorti tal-Awdituri, l-F4E rrikonoxxiet id-dispożizzjoni għall-ispejjeż ta' dekkommissjonar fil-Kontijiet finali għall-2017 tagħha.

Fir-rigward tan-nuqqasijiet fil-komunikazzjoni interna, l-F4E se jra tindirizza dan permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-proċess intern tal-F4E "Kontijiet annwali – ftuħ/għeluq tas-sena finanzjarja" se jiġi aġġornat bil-għan li tiġi ċċarata l-informazzjoni meħtieġa għall-kontijiet fir-rigward tad-dispożizzjonijiet u l-obbligazzjonijiet kontinġenti. B'mod partikolari, se jintalab aġġornament annwali mingħand id-Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Proġetti u l-grupp tal-

Fużjoni għall-Enerġija

Baġit fir-rigward tal-istatus tal-ispejjeż tad-dekummissjonar u d-diżattivazzjoni u kwalunkwe avveniment jew informazzjoni oħra li jista' jkollha impatt fuq il-kontijiet.

- Il-Maniġment Superjuri (u l-aktar il-Kap tad-Dipartiment Kummerċjali) se jibagħtu lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-F4E kwalunkwe informazzjoni rilevanti u b'mod aktar speċifiku d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-ITER u tal-MAC (Kumitat Konsultattiv għall-Ġestjoni)

Fużjoni għall-Enerġija

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

2015 – Preżentazzjoni tal-kontijiet

Attwalment l-F4E qed tuża l-kreditu tal-ITER bħala s-sistema tal-Ġestjoni tal-Valur Miksub (EVM) tagħha u huwa wieħed mill-metodi, flimkien mal-monitoraġġ tal-istadji importanti u l-analiżi tax-xejriet, biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-attivitàjiet tagħha.

Fi tmiem l-2017, il-Bord ta' Tmexxija ħatar Grupp ta' Ħidma (WG) bil-kompitu li jiddefinixxi mod imtejjeb ta' rappurtar mill-F4E, inkluż il-kompitu li tiġi definita sistema tal-EVM. Il-ħidma għadha għaddeja u l-President tal-WG mistenni jirrapporta l-progress fil-laqgħa tal-GB ta' Lulju 2018.

2015 – Kummenti dwar kontrolli ewlenin fis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Impriża Konġunta

It-Tieni Paragrafu: Tnieda aġġornament tal-profil ta' kreditu flimkien mal-akkwist mal-Organizzazzjoni ITER sabiex tkun tista' tkun eqreb għall-valur tal-ħidma reali li tkun saret tul il-fażijiet tal-proġetti varji (jiġifieri disinn, manifattura, kunsinna, installazzjoni). Din il-ħidma ġiet milquta b'xi dewmien u d-data ta' tlestija l-ġdida prevista għal din l-azzjoni hija t-tmiem ta' Diċembru 2018.

2015 – Akkwist u għotijiet operazzjonali

Minkejja l-isforzi ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni mġedda, b'mod partikolari fil-kuntest tal-integrazzjoni tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid, iċ-ċifri għall-proċeduri nnegożjati matul l-2017 baqgħu simili għas-snin preċedenti (47 % tat-total fl-2017, kontra 49 % fl-2016, 45 % fl-2015 u 58 % fl-2014).

Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-parti l-kbira ta' dawn il-proċeduri kienu għal proċeduri nnegożjati ta' valur baxx li saru taħt il-limitu ta' pubblikazzjoni tad-Direttiva u f'konformità sħiħa mar-Regolamenti Finanzjarji tal-F4E. Dawn il-proċeduri nnegożjati ta' valur baxx jirrappreżentaw medja fuq terminu twil ta' madwar 40 % tan-numru annwali ta' kuntratti tal-F4E iżda jikkorrispondu għal anqas minn 1 % tal-baġit tal-impenn annwali.

F'dawn il-każijiet, l-użu ta' proċeduri nnegożjati (fil-limiti imposti mir-Regolamenti Finanzjarji tal-F4E) iwieġeb għal tħassib ta' ġestjoni finanzjarja tajba, peress li din tippermetti lill-F4E tnaqqas il-ħin għall-kuntratt, tirreaġixxi aktar malajr għall-ħtiġijiet tal-proġetti u tiffoka l-użu tar-riżorsi interni b'mod aktar effettiv f'akkwisti ta' valur għoli. Għalhekk, l-F4E tqis li mhi meħtieġa l-ebda azzjoni biex jitkomplu jitnaqqsu l-proċeduri nnegożjati ta' valur baxx, li għadhom konformi mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji.

Il-proċeduri nnegożjati li jifdal, normalment kuntratti ta' valur għoli, (madwar 5 % tan-numru totali ta' proċeduri bħala medja fuq terminu twil), huma espressjoni tal-kuntest kumpless u innovattiv li fih topera l-F4E. Il-karatteristiċi tas-suq tat-teknoloġija tal-fużjoni huma tali li f'ħafna każijiet ikun hemm kapacià limitata ħafna fl-Istati Membri jew fid-dinja kollha. Dan ħafna drabi jirriżulta f'livelli ta' kompetizzjoni baxxi, duwopolji/monopolji jew anki nuqqas ta' parteċipazzjoni għal sejħiet għall-offerti.

Sa mill-2012, l-F4E żiedet l-isforzi ta' disseminazzjoni tagħha iżda l-parteċipazzjoni għas-sejħiet operazzjonali tagħha baqgħu aktar baxxi milli mixtieq bħala medja. Fil-fehma tal-F4E,

Fużjoni għall-Enerġija

il-kawża prinċipali mhijiex in-nuqqas ta' viżibbiltà iżda minflok in-natura sporadika u speċifika tax-xiri tal-F4E. Permezz ta' diskussjoni ma' xerrejja kbar oħra tal-infrastruttura tax-xjenza fl-Ewropa, l-F4E waslet għall-konklużjoni li n-natura tal-attivitajiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' proġetti kbar tax-xjenza u tat-teknoloġija hija tali li kompetizzjoni limitata sfortunatament hija kwistjoni ta' fatt li fuqha awtorità kontraenti unika jista' jkollha biss impatt żgħir. Din il-konklużjoni hija kondiviża minn awtoritajiet kontraenti oħra li jiġġestixxu proġetti simili fl-Ewropa.

Bħala konsegwenza, fl-2016, l-F4E bdiet forum li jinkludi proġetti ta' teknoloġija avvanzata ħafna l-aktar simili u tal-ewwel tax-xorta tagħhom. Permezz ta' dan il-forum organizzazzjonijiet differenti bi sfidi ta' proġetti simili (b'mod partikolari fir-rigward ta' involviment u parteċipazzjoni industrijali baxxi) bdew jaħdmu flimkien biex jindirizzawhom b'mod aktar koordinat u effettiv. Fost l-ideat ewlenin iġġenerati f'dan il-forum hemm dik li jitrawwem suq uniku għal proġetti xjentifiċi kbar, li jkun ikbar u iktar stabbli u għalhekk aktar kapaċi jattira l-interess tal-kumpaniji.

L-ewwel avveniment tal-forum li għandu l-industrija fil-mira seħħ fid-Danimarka lejn tmiem Frar 2018, bil-parteċipazzjoni ta' 1 037 delegat li jirrappreżentaw 530 kumpanija u organizzazzjoni pubblika minn 29 pajjiż. Il-feedback mill-industrija u mill-parteċipanti tal-pubbliku wara l-avveniment kien pożittiv ħafna, u f'Ġunju 2018, il-parteċipanti tal-forum (l-F4E, l-ESA, l-ESO, CERN, l-EMBL, l-ESRF, l-ESS, l-XFEL, l-ILL) ivvutaw unanimament biex jaċċettaw kandidaturi għall-organizzazzjoni tat-tieni l-akbar avveniment fl-2020 u biex jestendu s-sħubija tal-forum għal organizzazzjonijiet oħra ta' interess Ewropew bi proġetti simili ta' skala kbira u ta' teknoloġija avvanzata.

2015 – Drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-politika industrijali

It-tieni paragrafu: L-F4E ikkooperat b'mod attiv ma' Triconomics u Cambridge Econometrics, konsulenza dwar l-politika ekonomika indipendenti, li pproduċiet studju għall-Kummissjoni Ewropea dwar l-"Impatt tal-attivitajiet ta' ITER fl-UE". L-istudju ġie konkluż f'April 2018. Ir-riżultati ewlenin tiegħu huma mniżżla fil-qosor hawn taħt.

- Fir-rigward tal-effettività tal-Politika Industrijali tal-F4E, ir-riżultati mill-immudellar ekonometriku juru li l-infiq fuq l-ITER iġġenera madwar 34 000 impjeg bejn l-2008 u l-2017. L-effett pożittiv se jkompli fil-futur, sa tmiem il-kostruzzjoni tal-ITER.

Meta r-redditu ekonomiku u l-ħolqien ta' impjegi ta' ITER jitqabbel ma' xenarju tal-infiq tal-UE alternattiv (b'distribuzzjoni tal-infiq newtrali għas-setturi ekonomiċi kollha) huwa stmat li l-ITER, bejn l-2008 u l-2030 se jiġġenera qligħ nett totali ta' EUR 586 miljun għall-Istati Membri tal-UE.

- Fir-rigward dak li jikkonċerna l-proprjetà intellettuali u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni, l-istudju jikkonkludi li l-benefiċċji netti msemmija hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'mod sinifikanti minn kumpaniji spin-off u innovazzjoni ulterjuri stimolata minn ditti li jaħdmu fuq l-ITER u li jiżviluppaw ta' teknoloġiji u prodotti ġodda. Filwaqt li r-riżultati tal-immudellar huma indikattivi, dawn jissuġġerixxu li l-impatt ekonomiku jiżdied b'bejn 25 u 60 % jew aktar minħabba dawn l-effetti.

Sabiex jinkiseb benefiċċju massimu minn dawn l-effetti addizzjonali, l-istudju jissuġġerixxi li l-attivitajiet ta' trasferiment tat-teknoloġija jenħtieġ li jiġu rinforzati madwar il-proġett ITER. L-

Fużjoni għall-Enerġija

esperjenza minn CERN u l-ESA turi li l-istabbiliment ta' sistema ta' trasferiment tat-teknoloġija effettiva jieħu ż-żmien iżda hija kruċjali biex jissaħħa l-impatt tal-investiment pubbliku.

Matul l-2017, l-F4E diġà kienet tat bidu għall-attivitajiet preliminari biex tistabbilixxi programm ta' trasferiment tat-teknoloġija f'kooperazzjoni ma' EUROfusion, waqt li ispirat ruħha mill-mudell tal-ESA. L-ewwel fażi ta' dan il-programm hija ppjanata li tibda matul l-2018.

2016 – Strateġija ta' Kontra l-Frodi

Wara r-Rakkomandazzjoni 3.5 tal-Istrateġija Kontra l-Frodi tagħha, fi Frar 2018, l-F4E adottat is-sett proprju tagħha ta' indikaturi ta' riskju ta' frodi tal-akkwist: Allarmi ħomor. L-għan tal-Allarmi ħomor huwa li jiġu definiti l-indikaturi speċifiċi għall-attivitajiet ta' akkwist tal-F4E, abbażi tal-karatteristiċi għall-offerti, l-analiżijiet tas-suq u s-sistemi ta' akkwist għas-sensibilizzazzjoni fost il-persunal involut fl-akkwist tal-punti ewlenin li għandhom jiġu vverifikati tul il-proċess ta' akkwist.

Il-lista ta' indikaturi tqieset bħala prerekwiżit għall-iżvilupp tal-għodda tal-IT Kontra l-Frodi li għiet prevista biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-F4E fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist. Madankollu, f'Jannar 2018, valutazzjoni tal-komplessità għall-iżvilupp ta' għodda li tipprovdni l-funzjonalitajiet meħtieġa kollha żvelat li jkun diffiċli wisq għall-F4E bħala aġenzija tal-UE unika.

Konsegwentement, tqiesu soluzzjonijiet oħra aktar sempliċi u aktar rapidi, li għandhom jipprovdu livell ta' assigurazzjoni suffiċjenti u l-F4E ddeċidiet li tfassal il-lista ta' kontroll Kontra l-Frodi fuq il-bażi tal-lista tagħha tal-Indikaturi tar-Riskju ta' Frodi tal-Akkwist - Allarmi Ħomor. Il-Lista ta' Kontroll Kontra l-Frodi għadha kemm għiet adottata f'Mejju 2018 u se ssir effettiva mill-1 ta' Lulju 2018. Meta applikabbli, il-lista ta' kontroll se timtela u tiġi ffirmata tal-anqas darbtejn fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist (fl-istadju tal-għoti u tal-għeluq tal-kuntratt) minn żewġ atturi differenti, indipendentement, kemm l-Uffiċjal tal-Proġett Tekniku kif ukoll l-Uffiċjal tal-Kuntratti u tal-Akkwist, sabiex tiġi pprovduta trasparenza sħiħa. Jekk ikun meħtieġ, il-lista ta' kontroll tista' tintuża wkoll minn kwalunkwe membru tal-persunal tal-F4E sabiex jagħti l-allarm aħmar fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist. L-użu tal-lista ta' kontroll issa qed jiġi introdott fil-proċessi interni tal-F4E, b'mod parallel mal-bidliet l-oħra kollha relatati mal-Proġett dwar l-Akkwist għat-Titjib.